MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2007

Numru 3/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Vassallo**
**Spettur Romina Veneziani**
**v**

**RYAN BUHAGIAR**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **RYAN BUHAGIAR** ta' dsatax il-sena bin Raymond u Deborah nee Wild, imwieled Pieta nhar l-ghaxra ta' Marzu 1988 u residenti Block A, Flat 3, Triq Bella Vista, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita numru 132088M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli fl-erbgha ta' Awissu ghal habta tad-disgha ta' filghodu iddenunzja lil Pulizija Ezekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella b'qerq, holoq tracci ta' reat

b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex juzguraw li dak r-reat kien sar.

2. talli nhar l-erbgha t’Awissu 2007, ghal habta tal-hamsa w kwart ta’ filghodu, offenda l-pudur jew il-morali b’ghemil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghal pubbliku.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom, l-okkorrenza relattiva, il-fedina penali tal-istess imputat, w il-kunsens tal-Avukat Generali datat sittta ta’ Awissu 2007 sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tas-sebgha ta’ Awissu 2007 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dakinhar stess.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghal akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu, kif registrat fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sebgha t’Awissu 2007, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.
Semghet wkoll lid-difiza tiddikjara li l-imputat kien jinsab taht kura medika u lil prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni ta’ dan il-kaz.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat m'ghandu ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;
3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz.

4. Illi l-imputat jinsab taht kura medika u li hu ta' eta tenera hafna.

Ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 101 u 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat RYAN BUHAGIAR hati tal-akkuzi kif ammessi minnu stess u tiddecidi li bl-applikazzjoni tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li tpoggih taht ordni ta' probation ghaz-zmien tmintax (18) il-xahar mill lum, taht s-supervizzjoni tal-Probation Officer Trevor Calafato, bis-segwenti kundizzjonijiet:**

**1. li l-imputat Ryan Buhagiar ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**
**2. li l-imputat Ryan Buhagiar jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa kellu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;**
**3. li l-imputat Ryan Buhagiar minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**

**4. li l-imputat Ryan Buhagiar jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat.**
**5. li l-imputat Ryan Buhagiar ghandu jfittex u jsegwi kura medika f'kaz li jighi hekk mitlub mill-Ufficjal tal-Probation Trevor Calafato.**

**Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' tmintax [18] il-xahar.**

**Il-Qorti tordna kopja ta' din s-sentenza tigi moghtija lil Ryan Buhagiar u lil Probation Officer Trevor Calafato.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Vassallo**
**Spettur Romina Veneziani**
**V**

**RYAN BUHAGIAR**

**ORDNI TA' PROBATION**
**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum, 16 ta' Jannar 2007**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmi **RYAN BUHAGIAR gie mpoggi tahht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tmintax [18] il-xahar mill-lum.**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' probation lil imputat, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess imputat wera li jrid jhares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

**Tordna li** l-imsemmi **RYAN BUHAGIAR** ta' dsatax il-sena bin Raymond u Deborah nee Wild, imwieled Pieta nhar l-ghaxra ta' Marzu 1988 u residenti Block A, Flat 3, Triq Bella Vista, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita numru 132088M **jitqieghed taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax [18] il-xahar mill-lum taht dawn il-htigijiet:**
1. Illi matul dan il-perjodu ta' tmintax il-xahar l- imputat **Ryan Buhagiar** ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer

jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-imputat **Ryan Buhagiar** ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;

3. Illi l-imputat **Ryan Buhagiar** ghandu minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;

4. Illi l-imputat **Ryan Buhagiar** ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probation; u

5. Li l-imputat **Ryan Buhagiar** ghandu jfittex u jsegwi kura medika f'kaz li jighi hekk mitlub mill-Ufficjal tal-Probation Trevor Calafato.

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lil Probation Officer Trevor Calafato .**

……………………………..
**RYAN BUHAGIAR**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------